MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2004

Appell Kriminali Numru. 17/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Patrick Spiteri**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva fit-2 ta' Ottubru, 2002 kontra Patrick Spiteri talli fl-24 ta' Settembru 2002, u fi granet ta' qabel u ta' wara, f'Hal Balzan u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza'

dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq bi hsara ta' Emanuel Muscat u diversi persuni ohra bi ksur ta' l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` kuntratt iffirmat u ttimbrat minn nutar John Debono billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. kif ukoll talli ghamel xjentement uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Jannar, 2003 li fil-parti dispozittiva taghha tghid hekk:

**L-akkuzat ikkommetta zewg reati li wiehed (reat taht l-artikolu 183) serva biex jitwettaq iehor (reat taht l-artikolu 308).**

**Ghalhekk il-Qorti ma ssibx l-akkuzat hati taht l-artikoli 309 u 184 tal-Kodici Kriminali u tilliberah minnhom.**

**Issibu hati tar-reati taht l-artikoli 183, 308, 41(1)(a), 310(1)(a), 17(h) ghar-ragunijiet premessi.**

**Wara li rat l-Artikoli 183, 308, 41(1)(a), 310(1)(a) u 17(h) tikkundannah sentejn prigunerija.**

Rat ir-rikors ta' appell ta' Patrick Spiteri minnu prezentat fit-3 ta' Frar 2003 li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li hu jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

Ghandu jigi precizat li din il-kawza hadet aktar mis-soltu biex tigi deciza minn din il-Qorti mhux biss peress li din il-Qorti riedet taqra bir-reqqa l-provi kollha ghal aktar minn darba halli tkun zgura li ma halliet barra xejn, izda wkoll peress li fl-istadju ta’ appell u wara li l-appell kien thalla ghas-sentenza ghas-26 ta’ Settembru, 2003 (ara l-verbal tat-12 ta’ Mejju, 2003, fol. 357 tal-atti), l-appellant, b’rikors ipprezentat fil-5 ta’ Settembru, 2003 talab li jigu ammessi provi godda (konsistenti f’diversi dokumenti) skond kif jipprovdi l-Artikolu 424(a) tal-Kodici Kriminali. Dan kien jinnecessita li l-ewwel jerga’ jinstema’ l-appellant dwar dawn id-dokumenti – dan sar fl-udjenza tal-31 ta’ Ottubru, 2003. F’dik l-istess udjenza din il-Qorti, bla pregudizzju ghall-kwistjoni ta’ l-ammissibilita` o meno ta’ dawn id-dokumenti fit-termini ta’ l-imsemmija disposizzjoni, stiednet lill-appellant sabiex jezibihom u ordnat ukoll li jigi ngunt in-Nutar John Debono sabiex jixhed dwar il-firem li talvolta kien hemm jew seta’ kien hemm fuq dawn id-dokumenti. L-imsemmi Nutar Debono xehed dwar l-istess dokumenti fl-udjenza tal-10 ta’ Novembru, 2003. Id-digriet dwar l-ammissibilita` tad-dokumenti godda nghata fis-6 ta’ Frar, 2004 – b’liema digriet l-imsemmija dokumenti gew ammessi – (ara fol. 471, 472). Minhabba problemi konnessi mas-safar tal-appellant (problemi dokumentati minn fol. 489 sa fol. 507 tal-atti), it-trattazzjoni finali fid-dawl tad-dokumenti l-godda ma setghetx issir qabel il-11 ta’ Gunju, 2004. Jigi precizat ukoll li, ghal raguni li mhix ghal kollox cara fis-sentenza appellata, l-ewwel qorti ghalkemm sabet lill-appellant hati skond it-tieni imputazzjoni, illiberatu mit-tielet imputazzjoni, u fuq dan ma hemmx appell da parti ta’ l-Avukat Generali.

Qabel ma din il-Qorti tirriassumi x’inhuma l-aggravji ta’ l-appellant, tajjeb li wiehed jghid x’irrizulta bhala provi, ghall-anqas (ghall-mument) ghal dawk li huma l-fatti saljenti.

1. B’kuntratt datat 5 ta’ Mejju, 2000 quddiem in-Nutar Dott. John Debono, <u>Carmel</u> Muscat (li kien qed

jidher fuq l-imsemmi kuntratt f'ismu kif ukoll f'isem hutu) biegh lill-appellant l-Avukat Patrick Spiteri (li deher fuq il-kuntratt f'isem is-socjeta` "Foresight Holdings Ltd" li tappartjeni lilu u lil martu) diversi bcejjec ta' art, fosthom porzjon ta' raba fil-Wardija konfinanti ma' beni ta' Giovanni Muscat u ta' Agatha Agius ta' cirka 1468.032 metri kwadri.

2. Skond dan il-kuntratt il-prezz komplessiv ta' dawn il-bcejjec ta' art kien ta' mitt elf lira, li minnhom kienu qed jithallsu fuq il-kuntratt hamsin elf, u r-rimanenti hamsin elf kienu pagabbli kwantu ghal hamsa w ghoxrin elf fi zmien sena u r-rimanenti hamsa w ghoxrin elf fi zmien sentejn bl-imghax ta' sitta fil-mija fis-sena pagabbli bis-sena b'lura mid-data tal-kuntratt *a scaletta*. In kawtela tal-pagament puntwali tal-bilanc imsemmi u interessi Carmel Muscat u l-vendituri l-ohra, bl-accettazzjoni ta' l-appellant, irrizervaw favurihom il-privilegg specjali spettanti lilhom skond il-ligi; u l-ipoteka relattiva giet insinwata fil-10 ta' Mejju 2000 bin-numru progressiv 6637 (ara fol. 132 u 322 tal-atti).

3. Xi zmien wara, l-appellant gie avvicinat minn habib tieghu li infurmah li certu <u>Emanuel</u> Muscat kien interessat li jixtri wahda minn dawn il-bcejjec ta' art (proprju dik indikata fin-numru 1 hawn fuq). Ghalhekk, fit-28 ta' Gunju, 2002 sar konvenju quddiem l-iskrivan tan-Nutar Dott. Ian Spiteri -- certu <u>George</u> Muscat[1] -- li permezz tieghu l-appellant odjern – dejjem a nom tal-kumpanija aktar 'l fuq imsemmija – obbliga ruhhu li jbiegh l-art in kwistjoni lil Emanuel Muscat u lil martu "libera u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha" ghall-prezz ta' sittax-il elf lira (li minnhom thallsu elfejn fuq il-konvenju). Skond l-imsemmi konvenju wkoll, il-bejgh kellu jsir bil-garanzija tal-pacifiku pussess fuq l-att finali u l-art kellha tinbiegh bil-pussess vakanti, libera mill-gabillott u minghajr ebda drittijiet ta' terzi. Fl-ahhar nett, il-konvenju kellu jkun validu sat-28 ta' Settembru, 2002.

4. Kif beda joqrob iz-zmien li fih kien ser jaghlaq il-konvenju, l-ufficcju tan-Nutar Ian Spiteri talab lill-appellant ghal kopja tal-kuntratt li permezz tieghu l-istess appellant

[1] It-tlett persuni kunjomhom Muscat ma jigu xejn minn xulxin.

kien xtara l-art li issa kien ser ibiegh lil Emanuel Muscat. Skond l-imsemmi Nutar Spiteri (ara d-deposizzjoni fol. 55 *et seq.*) kif ukoll skond l-iskrivan tieghu George Muscat (fol. 70 *et seq.*) din it-talba saret halli tigi individwata bil-preciz l-art li kienet ser tinbiegh[2] u wiehed ikun jista' jirrintracca wkoll il-provenjenza taghha[3].

5. Nhar it-Tlieta, 24 ta' Settembru, 2002[4] l-appellant ghadda kopja ta' kuntratt – id-Dokument BZ1 ezibit a fol. 7 sa 12 tal-process – lill-imsemmi George Muscat, u dan qabbel dan il-kuntratt mar-ricerki li huma diga kellhom[5]. Fil-fatt ir-ricerki kienu diga ghand in-Nutar Ian Spiteri (jew ghand l-iskrivan tieghu) in konnessjoni ma' bicca xoghol ohra[6]. Issa, il-kuntratt li l-appellant ghadda lil George Muscat kien fih sitt faccati, kien jibda bid-data tal-5 ta' Mejju, 2000, kellu fuq hames faccati firma *in calce*, u fl-ahhar tas-sitt faccata kien hemm miktub *"Certified True Copy of the Original"* b'firma warajh li kienet tixbah dik fuq il-hames faccati l-ohra, u wara dik il-firma il-kliem *"Notary Dr. John Debono"*. Fi kliem iehor dak il-kuntratt kien, ghal min jarah, kopja, taht il-firma tan-Nutar Dr. John Debono, tal-kuntratt tax-xiri tad-diversi bcejjec ta' art li l-appellant kien xtara fil-5 ta' Mejju, 2000 minghand Carmel Muscat u n-nies l-ohra li ghalihom kien qed jidher l-istess Muscat.

6. Din il-kopja tal-kuntratt li l-appellant ghadda lil George Muscat, izda, kellha il-parti li titkellem dwar il-prezz ghall-bcejjec ta' art li tghid hekk: *"(1) Versu l-prezz komplessiv miftiehem ta' mitt elf lira Maltija (Lm100,000) fejn kwantu ghal hamsin elf lira (Lm50,000) diga thallsu u tithalla d-debita ricevuta skond il-ligi in solidum mill-vendituri, u r-rimanenti hamsin elf lira qeghdin jithallsu llum u tithalla debita ricevuta skond il-ligi."* Jigifieri, skond

---

[2] "Ahna ridna bilfors il-kuntratt halli nindividwaw liema bicca qed tinbiegh stante li [Spiteri] kellu hafna proprjeta` il-Wardija" – Nutar Ian Spiteri, fol. 61.

[3] Pros: "Ghalfejn ridtu dan il-kuntratt minghand Dr Patrick Spiteri?"
Xhud: "Biex tiehu l-provenjenza tieghu…biex tkun taf il-proprjeta` kif giet ghand Foresight
Holdings, minghand min xtara u biex tara l-provenjenza ulterjuri" – George Muscat, fol. 74.

[4] Ara r-ricevuta Dok. BZ2, fol. 13.

[5] Fol. 73.

[6] "Ir-ricerki kienu qeghdin ghandna fuq bicca xoghol ohra jigifieri mhux ricerki li ahna ordnajna apposta [ghal] dan il-kaz…" – Nutar Ian Spiteri, fol. 61.

din il-"kopja" tal-kuntratt, fil-5 ta' Mejju, 2000 is-somma kollha kienet effettivament thallset (u ma hemm ebda referenza ghall-privilegg specjali), u dan kuntrarjament ghal dak li gara – ara nru. 2 hawn fuq – peress li fil-5 ta' Mejju, 2000 kienu thallsu biss hamsin elf. Il-kuntratt "veru", infatti, kien jghid hekk: *"(1) Versu l-prezz komplessiv miftiehem ta' mitt elf lira Maltija (Lm100,000) fejn kwantu ghal hamsin elf lira (Lm50,000) diga thallsu u tithalla d-debita ricevuta skond il-ligi in solidum mill-vendituri; u r-rimanenti hamsin elf lira (Lm50,000) huma pagabbli kwantu ghal hamsa w ghoxrin elf lira (Lm25,000) fi zmien sena mill-lum u r-rimanenti hamsa w ghoxrin elf lira (lm25,000) fi zmien sentejn mill-lum, fejn jiddekorru l-imghax ta' sitta fil-mija (6%) fis-sena, pagabbli bis-sena b'lura mill-lum a scaletta. In garanzija tal-pussess pacifiku u godiment reali tal-immobbli hawn trasferita l-vendituri, jaghtu in solidum bejniethom a favur tal-kompratur, li jaccetta, ipoteka generali ta' gidhom kollu presenti u futuri. In kawtela tal-pagament puntwali tal-imsemmi bilanc tal-prezz u tal-interessi relattivi, l-vendituri, bl-accettazzjoni tal-kompratur, jirriservaw a favur taghhom l-privilegg specjali lilhom kompetenti skond il-ligi."* Mill-bqija, il-kopja tal-kuntratt li l-appellant ghadda lil George Muscat hi identika kelma b'kelma ghall-kuntratt effettivament iffirmat, u li kopji tieghu jinsabu ezibiti fil-process, bid-differenza zghira biss li fejn hemm il-firem ta' min iffirma fuq il-kuntratt orginali hemm indikat (ovvjament bhala isem u b'tipi tal-kompjuter) "Dr Patrick Spiteri" u "Carmel Muscat", u ma hemmx imnizzel "John Debono, Nutar Pubbliku, Malta". Aktar 'l isfel hemm miktub "Certified True Copy of the Original", hemm firma allegatament tan-Nutar Debono, u taht il-firma hemm dattiloskritti l-kliem "Notary Dr. John Debono".

7. Kif appena George Muscat u n-Nutar Ian Spiteri qabblu l-kopja tal-kuntratt moghtija lilhom mill-appellant, kif fuq inghad, mar-ricerki li kellhom, intebhu li kien hemm xi haga irregolari f'din il-kopja. Ikkuntattjaw lin-Nutar Debono u dan mill-ewwel qalilhom li dik il-kopja tal-kuntratt ma kienitx iffirmata minnu – jigifieri l-firem fuq is-sitt faccati ma kienux tieghu – u li dik il-kopja ma kienitx harget mill-ufficcju tieghu. Effettivament jirrizulta li t-tipa u

l-format tad-Dok. BZ1 huma kompletament differenti minn dawk uzati mill-imsemmi Nutar Debono fix-xoghol tieghu[7]. L-espert tal-kalligrafija wasal ukoll ghall-konkluzzjoni li l-firem fuq id-Dokument BZ1 ma kienux dawk tan-Nutar Debono[8]; u ghalkemm ma saritx – u anqas intalbet – perizja kalligrafika biex jitqabblu l-firem fuq id-dokumenti ezibiti fil-mori ta' l-appell – firem li n-Nutar Debono jghid li huma kollha tieghu – mal-firem fuq id-Dok. BZ1 – li n-Nutar Debono u l-iskrivan tieghu[9] jghidu kategorikament li huma foloz, tqabbil vizwali u attent ta' dawn il-firem (cioe` dawk fuq id-Dok BZ1 ma' dawk fuq id-dokumenti ezibiti fil-mori ta' dana l-appell) juru li dawn ma humiex maghmulin mill-istess id.

8. Minnufih in-Nutar Debono ghamel rapport lill-Pulizija, li min-naha taghhom bdew l-investigazzjonijiet li wasslu ghal dawn il-proceduri.

9. Fil-mori tal-kawza quddiem l-ewwel qorti, u precizament fil-31 ta' Ottubru, 2002, sar il-kuntratt[10] ta' bejgh bejn Foresight Holdings Ltd. (rappresentata fuq il-kuntratt mill-Avukat Dott. Stephen Muscat) u Emanuel Muscat u martu. Fuq dan il-kuntratt deher ukoll Carmel Muscat – f'ismu proprju u a nom ta' hutu – li ircieva minghand Emanuel Muscat is-somma ta' ghaxart elef lira (Lm10,000) li kienu dovuti lilu u lil hutu, u dawn minn naha taghhom irrinunzjaw *"…ghad-drittijiet ipotekarji u/jew privileggjati kollha illi huma jgawdu kontra l-kumpanija venditrici, rizultanti minn nota ta' privilegg numru sitt elef sitt mija u sebgha u tletin tas-sena elfejn (6,637/2000) in kwantu l-istess drittijiet privileggjati jolqtu l-proprjeta` in vendita…"*.

L-aggravji ta' l-appellant kif esposti kemm fir-rikors ta' appell tieghu u kif in segwitu elaborati fil-kors tat-trattazzjonijiet tal-abbili difensuri tieghu, huma bazikament

[7] Dan setghet tikkonstatah anke din il-Qorti meta qabblet kemm il-kopji tal-kuntratti ezibiti quddiem l-ewwel qorti kif ukoll dawk ezibiti fill-mori tal-appell, mad-Dokument BZ1.
[8] Ara r-rapport, fol. 235 *et seq.*
[9] Louis Gray, fol. 202 *et seq.*
[10] Ara Dok. K a fol. 160 *et seq.*

is-segwenti: (1) li ma saritx il-prova skond il-ligi li kien hu li ghamel il-firem foloz fuq id-dokument BZ1, (2) li fi kwalunkwe kaz, ghamel min ghamel il-falsifikazzjoni tal-firma, din il-falsifikazzjoni kienet wahda "grossolana" li qatt ma setghet tqarraq, (3) li d-dokument BZ1 ma jistax jitqies bhala "att awtentiku u pubbliku", (4) kwantu ghall-imputazzjoni ta' truffa – proprjament ta' tentattiv ta' truffa, ghax ta' hekk biss gie misjub hati mill-ewwel qorti – l-appellant jikkontendi bazikament li ma kien hemm ebda *messa in scena* (ossia *artifizi* jew *raggiri*) da parti tieghu izda kien hemm biss zball genwin u konsegwentement qatt ma kien hemm id-*dolo* mehtieg ghar-reat in ezami. Fl-ahhar nett u subordinatament, u interament bla pregudizzju, l-appellant (5) jilmenta dwar il-piena li hu jghid li fi kwalunkwe kaz kienet eccessiva.

Din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha titratta l-aggravji riferibbilment ghall-imputazzjoni ta' falsifikazzjoni ta' att awtentiku u pubbliku separatament mill-aggravji riferibbilment ghall-imputazzjoni ta' truffa. Ghalkemm huwa veru li l-prosekuzzjoni irravvizat rabta bejn iz-zewg imputazzjonijiet, fis-sens li l-falsifikazzjoni saret bl-iskop li jigi truffat xi hadd (u hekk ukoll irriteniet l-ewwel qorti – ara d-*decide* riportat aktar 'l fuq), ma jsegwix neccessarjament li jekk kien hemm falsifikazzjoni fit-termini tal-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali kien hemm ukoll tentattiv ta' truffa.

L-ewwel kwistjoni li trid tigi affrontata, ghalhekk, hija jekk jirrizultax sodisfacentement pruvat li kien l-appellant li ghamel il-falsifikazzjoni fid-dokument BZ1 u dan billi harbex firem fuq is-sitt faccati ta' dan id-dokument li kienu jixbhu l-firma li n-Nutar Debono kien juza meta jirrilaxxja kopji tal-atti minnu redatti. Issa, huwa veru li ma hemm ebda prova diretta li kien l-appellant li ghamel dawn il-firem -- hadd ma rah jaghmilhom, hu ma ammettiex li ghamilhom, u l-espert tal-kalligrafija ma wasal ghal ebda konkluzzjoni f'dan ir-rigward[11] -- izda l-provi kollha, inkluza

[11] L-espert ikkonkluda hekk: *"Illi, wara analisi akkurati bejn il-firma ta' l-Avukat Dr. Patrick Spiteri mal firem fuq Dok. BZ1, l-esponent ma jistax jasal ghall-konkluzzjoni b'certezza, posittiva jew negattiva, perress li l-firma ta' l-avukat Dr. Patrick Spiteri ma fihiex bizzejjed elementi ghall-konkluzzjoni ta' 'bla ebda dubju'. Ghaldaqstant l-esponent ma jistax jeskludi jekk setax kien jew ma kienx l-avukat Dr. Patrick Spiteri li ffalsifika l-firem fuq id-Dok. BZ1"* – fol. 249 tal-atti.

l-istqarrija tal-appellant u d-deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel qorti jippuntaw univokament lejh b'mod li jeskludu li seta' kien haddiehor li appenda dawk il-firem. Hawn qeghdin fil-kamp tal-prova indizzjarja li, kif inghad fil-kaz Ingliz ***DPP v. Kilbourne*** [12], *"…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities"* [13]. Inghad ukoll fil-kaz ***Teper v. The Queen*** [14] li *"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference"* [15]. Din il-Qorti, aktar ma taqra l-provi – haga li ghamlitha diversi drabi – aktar tasal ghall-konkluzzjoni li hadd hlief l-appellant ma seta ghamel il-firem fuq id-dokument imsemmi. In fatti, jirrizulta li l-imsemmi dokument kien gie redatt mill-appellant, ossia taht id-direzzjoni tieghu, fl-ufficcju tieghu; skond l-istess appellant dan id-dokument dejjem kien fil-pussess tieghu (u *per di piu`* id-dar u mhux fl-ufficcju[16]), u il-*filing* fl-ufficcju ta' dan it-tip ta' dokument jaghmlu huwa stess u huwa biss[17]. Ghalkemm l-appellant dejjem cahad li l-firma ghamilha hu -- ghalih dik kienet il-firma tan-Nutar Debono -- huwa ma indika lil hadd li seta' possibilment kien responsabbli ghal dik il-firma falza. Skond l-appellant id-dokument BZ1 kien gie redatt minnu ossia taht l-istruzzjonijiet tieghu mis-segretarja bhala "abbozz", biex meta jmur jaghmel il-kuntratt huwa jkollu xi haga f'idejh biex isegwi dak li jkun qed jaqra n-nutar. In kontro-ezami quddiem l-ewwel qorti l-appellant qal, *inter alia*, hekk:

**"Billi naghmel hafna kuntratti u ma nhobbx immur mhux ippreparat ghal kuntratt dejjem ikolli draft. Dak [Dok. BZ1] huwa draft ta' jien x'ikolli f'rasi li jien inkun**

---

[12] [1973] AC 729.
[13] *ibid.* p. 758.
[14] [1952] AC 480.
[15] *ibid.* p. 489.
[16] Fol. 274.
[17] M. "Naqblu li fid-domanda ta' qabel, inti ghidt li kont inti stess li hrigt il-kuntratt originali [mhux id-Dok. BZ1] mill-cabinet tal-Planning Authority?

T. "Iva, dan il-filing niehu hsiebu jien biss u ma nhalli l-hadd iehor, lanqas lis-segretarja tieghi tiehu hsieb il-filing tal-kuntratti.

M. "Bl-istess mod, allura, ma stajtx ghaddejtlu dan il-kuntratt lil George Muscat?

T. "Iva stajt, izda sibtha aktar facli li nfittex fid-dokumenti li nzomm id-dar…" – stqarrija Dok. BZ3, fol. 14 *et seq.*, a fol. 18.

**ghidt lis-segretarja tieghi tittajpjali. Xi drabi l-istess draft jintuza bhala l-kuntratt jew inkella inzomm id-draft f'idi waqt li jkun qed jaqra n-Nutar, xi drabi anke naghti kopja tieghu ta' draft lil parti l-ohra. Ma niftakarx tajtx kopja lil parti l-ohra jigifieri lil venditur. Probabbli tajtu ukoll, probabbli tajtu kopja lin-Nutar Debono biex jista' jibbaza l-kuntratt fuqu."** [18]

**"Xhud: Jarqa n-Nutar, jkolli f'idi, xi drabi lanqas inkun qed insegwieh niehdu for granted. L-izjed importanti jiena, l-izjed li nhares waqt li qed jaqra n-nutar hija d-deskrizzjoni ghax nibza li mid-deskrizzjoni jkun hemm xi haga li hija differenti. Naghmel cert li d-drittijiet iddahlu.**
**"Pros: Nerga naghmel referenza ghad-dokument BZ1, x'inhi r-raguni li taghmel dawn it-tip ta' drafts?**
**"Xhud: Huwa mezz li tista' zzomm ruhhek aggornat, tista' zzomm ruhek tara li ghandek id-dettalji kollha. Nipprepara ruhhi biex taghmel kuntratt mhux taqbad u tmur taghmel kuntratt. Mhux qed naghmilha ta' avukat hemm imma ta' business man."** [19]

Pero` din il-Qorti tistaqsi: jekk verament id-dokument BZ1 kien intiz bhala abbozz biex dak li jkun imur ippreparat ghand in-Nutar u jkun jista' jsegwi xi jkun qed jinghad, x'sens jaghmel u xi skop kien hemm li tiddattiloskrivi wkoll fl-ahhar ta' l-istess dokument "Dr Patrick Spiteri" u "Carmel Muscat" – bhallikieku dawn effettivament ga iffirmaw il-kuntratt – u, aktar u aktar, li tiddattiloskrivi il-kliem "Certified True Copy of the Original" u aktar l-isfel (u bi spazju biex proprju tkun tista' tidhol il-firma) "Notary Dr. John Debono"? Fil-fehma ta' din il-Qorti hu evidenti li d-Dok. BZ1 sar mhux bhala "abbozz", kif baqa' jinsisti l-appellant quddiem l-ewwel qorti, izda sar biex ikun jista' jghaddi bhala kopja ta' kuntratt <u>certifikata minn-nutar li quddiemu sar il-kuntratt originali</u>. Meta l-appellant, allura imputat, gie ppressat mill-ewwel qorti biex jipprova jghid kif setghet giet dik il-firma fuq dak id-dokument, huwa qal hekk:

---
[18] Fol. 275.
[19] Fol. 276.

**"L-izjed l-izjed li nista' nassumi li kont probabbilment hadtha mieghi dik in-nhar u fil-fatt ghidt fl-istatement li zgur kont hadt draft mieghi dak inhar tal-kuntratt u mhux l-ewwel darba li insaqsi ghan-Nutar ghax naf li jdumu hafna ma jibghatuli kopja legali, nghidilhom tuni daqqa fuqu jew tuni kopja fuqu jew inkella insaqsi lil iskrivan tieghu, nghidlu ghidlu igibli kopja"** [20]

Issa, apparti l-improbabbilita` ta' dak li qed jipprova jissuggerixxi hawnhekk l-appellant – cioe` li dak il-hin li gie ffirmat il-kuntratt (fil-5 ta' Mejju, 2000) jitlob lin-Nutar jappendi firma fuq "kopja" bhala "Certified True Copy of the Original", meta kien evidenti li kien hemm diskrepanza sostanzjali bejn dak li kien ghadu kif gie ffirmat u s-suppost "draft" li kellu f'idu Spiteri – jibqa' l-fatt mhux kontestat li l-firma fuq id-Dokument BZ1 ma saritx min-Nutar Debono. U anke meta, fil-mori ta' l-appell, l-appellant ipproduca kopji ta' kuntratti mibghuta lilu min-Nutar Debono biex juri li l-imsemmi Nutar kellu fil-fatt zewg firem li kien juza (wahda hekk imsehja "in loops" bhalma kienet fuq id-Dok. BZ1 u l-kampjuni li ta lill-espert tal-kalligrafija, u ohra li biha kien jiffirma fl-ahhar ta' kull kuntratt originali), fost dawn il-kuntratti[21] <u>ma nsibu ebda wiehed bil-format jew u tipa bhad-Dok. BZ1</u>, jigifieri l-hekk imsejjah "draft" li l-appellant jghid li kien jiehu mieghu biex isegwi fuqu. Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, m'ghandhiex dubbju a bazi tal-provi migjuba, li d-Dok. BZ1 kien gie konfezzjonat mill-appellant ghal xi skop partikolari – fl-aghar ipotesi ghall-appellant, sabiex haddiehor jista' xi darba jigi ingannat, u fl-ahjar ipotesi sabiex l-appellant ifittex jehles minn George Muscat u t-talba tieghu ghal kopja tal-kuntratt biex jirrintracca l-provenjenza tal-art in kwistjoni. Ghalhekk din il-Qorti hi sodisfatta li l-falsifikazzjoni, inkluzi l-firem, saret mill-appellant.

Trid issa tigi ezaminata l-kwistjoni ta' jekk f'dan il-kaz hemmx ir-reat minhabba xi "grossolanita`" fil-falsifikazzjoni, u jekk id-dokument in dizamina hux wiehed "awtentiku u pubbliku" fis-sens tal-Artikolu 183 tal-Kap. 9.

[20] Fol. 267.
[21] Dokumenti DA1 sa DA7 ezibiti permezz tan-nota tat-3 ta' Dicembru, 2003, fol. 473.

Ghall-precizjoni ghandu jigi puntwalizzat li l-kwistjoni tal-grossolanita` tal-falsifikazzjoni l-appellant, tramite l-abbili difensuri tieghu, qajjimha aktar fil-kuntest tat-tentattiv ta' truffa milli fil-kuntest ta' l-Artikolu 183 (ghalkemm fl-udjenza tal-11 ta' Gunju, 2004 donnu rega' rabatha mal-kwistjoni tal-falsifikazzjoni). In fatti, fir-rikors ta' appell, waqt li l-appellant kien qed jargumenta dwar l-element tal-qerq li jrid jikkonsisti f'*artifizji* jew *raggiri* [22] liema qerq irid ikun idoneju li jinganna, jinghad hekk:

*Apparti l-premess l-esponent ser jidhol ukoll fil-kuncett tal-* falso grossolano*, punt ta' dritt li l-esponenti semma' fl-arringa tieghu quddiem l-Ewwel Qorti, li pero` gie ghal kollox injorat mill-istess Qorti fis-sentenza taghha. Gie ritenut mill-qrati taghna li meta jkollok xi falsita` li tista' tkun facilment rikonoxxibli, il-"falz" ikun inutili ghaliex ikun tant manifest,* ictu oculi*, li ma jista' qatt iqarraq. F'dawn il-kazijiet lanqas biss jista' jkun hemm tentattiv, ghaliex fil-fatt ikun impossibbli li tali falsita` tirraggungi biss xi bidu ta' esekuzzjoni.* [23]

Apparti l-kwistjoni tat-tenttaiv ta' truffa, pero`, huwa minnu li hemm gurisprudenza li meta l-falsita` tkun wahda grossolana li ma tista' qatt tqarraq ossia tinganna lil xi hadd, allura r-reat ta' falsifikazzjoni ma jissussistix. Dan, pero`, ma japplikax meta d-dokument in kwistjoni ikun wiehed pubbliku, ghax f'dan il-kaz il-hsara tikkonsisti fil-pregudizzju li jigi kkagunat lill-interessi legittimi tac-cittadin mill-offiza ghall-fiducja pubblika – ara, fost ohrajn, ***Il-Pulizija v. Carmelo Borg*** App. Krim. 26 ta' Jannar, 1984[24]. Ghalhekk dak li jrid l-ewwel jigi determinat huwa jekk id-Dokument BZ1 jikkwalifikax bhala dokument pubbliku u, fit-tieni lok, jekk jistax jinghad li huwa wkoll dokument awtentiku.

Hu evidenti li n-natura pubblika ta' dokument u n-natura ta' dak id-dokument bhala wiehed "awtentiku" ma tigix nieqsa bis-semplici fatt li tkun saret il-falsifikazzjoni f'dak l-istess dokument (fit-test tieghu jew fil-firma jew firem),

[22] Ara, fost ohrajn, ***Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul*** App. Krim. 20/6/1997
[23] Pagni 11 u 12 tar-rikors ta' appell.
[24] Ara wkoll *passim* ***Il-Pulizija v. Paul Bonnici*** App. Krim. 30/6/1961.

ghax altrimenti ebda att “awtentiku u pubbliku” ma jkun jista’ qatt jigi falsifikat ghall-finijiet tal-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-sentenza, li ghaliha ghamel referenza anke l-abbili difensur ta' l-appellant, moghtija mill-Qorti Kriminali kollegjalment komposta fil-11 ta’ Dicembru, 1953 fl-ismijiet ***Il-Maesta` Taghha r-Regina v. Guzeppi Zahra*** u hi tal-fehma li f’dan il-kaz id-Dokument BZ1 jammonta ghal dokument “awtentiku u pubbliku” ghall-finijiet tal-imsemmi artikolu tal-ligi. Biex dokument jikkwalifika bhala wiehed pubbliku u awtentiku hu mehtieg bhala regola generali li jkun dokument (1) destinat li jaghti fidi pubblika tal-kontenut tieghu, (2) maghmul bil-formalitajiet mehtiega u (3) rilaxxjat minn ufficjal pubbliku li ghandu s-setgha skond il-ligi li jaghti fidi pubblika lil dak il-att. S’intendi, jekk ma jkunx fil-fatt gie maghmul minn “ufficjal pubbliku” ghax il-firma tal-ufficjal pubbliku tkun giet falsifikata minn xi hadd iehor, ma jigix nieqes l-element numru (3): ghall-kelma “rilaxxjat” ghandha tinqara l-espressjoni “apparentement rilaxxjat” (*purporting to be issued*) minn dak l-ufficjal pubbliku. Hekk ukoll, meta wiehed jirreferi ghall-“formalitajiet mehtiega”, ma jfissirx neccessarjament li nuqqas zghir ta’ formalita` li ma jkunx essenzjali biex jaghti fidi pubblika jew awtenticita` lil dak l-att igib bhala konsegwenza li dak l-att ma jkunx wiehed pubbliku jew wiehed awtentiku: wiehed ghandu jhares lejn dak li hu <u>essenzjali</u> ghall-forma u mhux dak li hu marginali. Ma hemmx dubbju li fil-kaz in dizamina id-Dok. BZ1, bhala suppost kopja ta’ kuntratt ta’ bejgh u xiri ta’ art, kien intiz sabiex jaghti fidi pubblika tal-kontenut tieghu. Ma hemmx dubbju wkoll li dan gie apparentement maghmul minn ufficjal pubbliku – Nutar – u ghalhekk in kwantu ghar-rekwizit ta’ att “pubbliku”, dan ir-rekwizit jirrizulta. Kwantu ghar-rekwizit ta’ “awtenticita`” din il-Qorti tosserva li dokument awtentiku mhux necessarjament ikun l-original – f’dan il-kaz hu evidenti li d-dokument BZ1 kien intiz bhala <u>kopja</u>, tant hu hekk li hemm imnizzel “Certified True Copy of the Original”. Issa, skond is-subartikolu (2) tal-Artikolu 636 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (rez applikabbli ghall-proceduri kriminali bl-Artikolu 520(1)(e) tal-Kodici Kriminali), kopja, inkluza kopja ta’ dokument pubbliku, titqies awtentika meta tkun

"maghmula fil-forma li trid il-ligi" mill-persuna li, ukoll skond il-ligi, tkun awtorizzata li tohrog tali kopja. Wiehed ghalhekk irid jara x'inhi l-forma li ghandha titqies bhala essenzjali ghall-awtentikazzjoni ta' kopji ta' att nutarili. Ghal dawk li huma "kopji" ta' atti nutarili, wiehed irid imur fuq il-Kap. 55, u cioe` l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili. It-Titlu III tat-Taqsima III ta' dan l-Att jipprovdi dwar "Kopji u Estratti" ta' atti nutarili. L-Artikolu 77 in partikolari jitkellem dwar "Hrug u Awtentikazzjoni ta' Kopji", u s-subartikoli (1) u (2) – li huma s-subartikoli relevanti ghall-kaz in dizamina – jipprovdu hekk:

**(1) Il-kopji u l-estratti ghandhom fl-ahhar ikollhom id-data ta' meta jinghataw u ghandhom ikunu awtentikati min-nutar billi jaghmel il-firma tieghu u l-kelmiet "jaqbel ma' l-original" jew dikjarazzjoni ohra bhal din.**
**(2) Jekk il-kopja jew l-estratt ikunu f'izjed minn folja wahda, kull folja ghandha tkun iffirmata fil-genb min-nutar jew l-Arkivista.** [25]

Isegwi minn dan, ghalhekk, li dak li hu essenzjali ghall-awtentikazzjoni ta' kopja ta' att nutarili – ghall-anqas ghall-finijiet tal-kelma "awtentiku" fl-Artikolu 183 tal-Kap. 9 – huma il-firma tan-Nutar u l-espressjoni li tindika li dak id-dokument hu vera kopja tal-original [26]. Il-htiega, per ezempju, li l-firma fuq il-pagni l-ohra tkun "fil-genb" ma hix essenzjali ghall-awtentikazzjoni tal-kopja u anqas id-data ta' meta tkun inghatat il-kopja; u di fatti jekk wiehed jara d-dokumenti DA1 sa DA7, aktar l-fuq imsemmija, ezibiti fil-mori ta' l-appell kif ukoll id-dokument a fol. 120 sa 123, il-firma tan-nutar fuq il-folji li ma humiex l-ahhar folja mhix fil-genb izda *in calce*, u hadd ma issuggerixxa li dawn ma humiex kopji awtentici minhabba f'hekk. Anqas ma huwa validu l-argument imressaq fl-udjenza tal-11 ta' Gunju, 2004, li ghax in-Nutar Debono kien juza zewg firem – wahda ghal fuq il-kuntratti originali[27] u l-ohra biex jawtentika kopji (il-firma hekk imsejha "in loops"), allura tigi nieqsa l-awtenticita` tad-dokument. Il-firma li nutar

[25] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[26] Il-*"concordat cum originali"*.
[27] Ara, per ezempju, fol. 104.

jiddepozita skond l-Artikolu 10(b) tal-Kap. 55 fl-ufficcju ta' l-Avukat Generali qabel ma jibda jezercita l-professjoni tieghu hi mehtiega biex jigu ffirmati l-atti fl-original taghhom u mhux ukoll biex jigu awtentikati kopji ta' dawk l-atti.

Tibqa' biex tigi ezaminata l-kwistjoni tal-grossolanita` tal-falsifikazzjoni. Frankament din il-Qorti ma tara li kien hemm ebda grossolanita` fil-falsifikazzjoni. Kif tajjeb osserva l-perit kalligrafu, min ghamel il-firem fuq id-Dok. BZ1 kien gie in kuntatt mal-firma tan-Nutar Debono[28]; u din il-Qorti zzid li l-awtur ta' dawn il-firem – li din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li kien l-appellant ghar-ragunijiet ga mfissra – ipprova jaghmel minn kollox biex il-firma falza jgibha tixxiebah kemm jista' jkun ma' dik li l-istess Nutar kien juza biex jawtentika l-kopji li kien johrog. Kieku ma kienx ghall-attenzjoni tal-iskrivan tan-Nutar Ian Spiteri (u ghall-fatt li kienu diga saru r-ricerki, kif ser jigi spjegat aktar 'l quddiem), facilment wiehed kien jiehu d-dokument BZ1 *at face value*, u jibqa' ghaddej fuqu bil-possibilità ta' hsara kemm ghal Carmel Muscat u n-nies li ghalihom kien deher fuq il-kuntratt tal-5 ta' Mejju, 2000, kif ukoll ghal Emanuel Muscat. Pero` apparti dan kollu, hawn si tratta ta' att pubbliku, kif diga' nghad, u allura ma tistax tigi sollevata b'success id-difiza tal-falz grossolan jew *falso inutile* bhala difiza kontra l-akkuza ta' falsifikazzjoni. Konsegwentement, in kwantu l-appell jirrigwarda s-sejbien ta' htija skond l-Artikolu 183 tal-Kap. 9 l-istess appell qed jigi michud.

Il-Qorti ser tghaddi issa biex tikkunsidra l-kwistjoni tat-tentattiv ta' truffa. It-tezi tal-prosekuzzjoni hi, in sostanza, li l-appellant ipproduca dokument falsifikat u minnu konfezjonat quddiem l-iskrivan tan-Nutar Spiteri bit-tama li, minhabba l-fatt li l-konvenju kien ser jaghlaq u ghalhekk kien hemm certu ghaggla biex jigi redatt il-kuntatt bejn l-appellant (jew ahjar il-kumpanija tieghu u ta' martu) u Emanuel Muscat, kull min kien involut (inkluz in-Nutar Spiteri u l-iskrivan tieghu) jimxu fuqu b'tali mod li allura Emanuel Muscat jibqa' ma jkunx jaf bil-privilegg li kien

---

[28] Fol. 247.

hemm fuq il-proprjeta` in vendita, kif ukoll Carmel Muscat jibqa' ma jithallasx dak li kien dovut lilu u lil hutu. In sostenn ta' din it-tezi l-prosekuzzjoni tghid li fil-konvenju tat-28 ta' Gunju, 2002 ma hemm ebda accenn ghall-privilegg specjali – anzi, l-art in kwistjoni tissema' bhala "libera u franka" u minghajr ebda drittijiet ta' terzi; li l-appellant qatt ma kien qal lil Emanuel Muscat li l-art li kien ser jitrasferilu kienet suggetta ghal xi pizijiet; u li l-appellant anqas ma kien avvicina lil Carmel Muscat biex jinfurmah li kien ser isir kuntratt li fuqu hu (Carmel Muscat) kellu jidher biex jithallas dak li kien dovut lilu riferibbilment ghall-art li kienet ser tinbiegh. Min-naha tieghu l-appellant jikkontendi li hu qatt ma kellu l-intenzjoni li jqarraq b'hadd riferibbilment ghall-pizijiet li kien hemm fuq l-art, u anqas li jevadi dak li kien dovut lil Carmel Muscat u lil hutu. Skond hu, kulma ghamel kien li ghadda kopja li sab f'kaxxa li kien izomm id-dar u halliha ma' l-iskrivan George Muscat wara talba li kienet saritlu minn dan Muscat ghal kopja tal-kuntratt mhux in sostituzzjoni tar-ricerki li n-Nutar Spiteri kellu jaghmel, izda semplicement biex l-imsemmi Nutar ikun jista' jindividwa liema wahda, minn fost tlett bicciet art li kienu nxtraw minghand Carmel Muscat u hutu, kienet ser tinbiegh lil Emanuel Muscat. Ghalhekk skond l-appellant, kien hemm x'kien hemm fil-kopja tal-kuntratt li huwa ghadda lil George Muscat, ma kienx hemm id-*dolo* mehtieg ghar-reat ta' truffa.

Din il-Qorti hasbet fit-tul hafna fuq din il-kwistjoni kollha. Kif inghad aktar 'l fuq f'din is-sentenza din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li d-Dok. BZ1 kien gie konfezzjonat mill-appellant ghal xi skop partikolari – fl-aghar ipotesi ghall-appellant, sabiex haddiehor jigi ingannat, u fl-ahjar ipotesi sabiex l-appellant ifittex jehles minn George Muscat u t-talba tieghu ghal kopja tal-kuntratt biex jirrintracca l-provenjenza tal-art in kwistjoni.

Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei fir-rigward ta' l-element soggettiv ossia morali tar-reat ta' truffa:

**L'agente…deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come**

**conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta` sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingustizzja del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato.** [29]

Din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-appellant kien jaf li id-Dokument BZ1 kien falsifikat, pero` mill-assjem tal-provi, ma hix ghal kollox konvinta li dan id-dokument ghaddieh lil George Muscat bi skop li jinganna u jiddefrawda lil Carmel Muscat (u hutu) u lil Emanuel Muscat. Huwa veru li hija haga alkwantu stramba li l-appellant, li kellu ghandu kemm kopja awtentika u korretta (i.e. mhux falsifikata) tal-kuntratt kif ukoll id-"draft" Dok. BZ1, jaghzel li jghaddi lil George Muscat id-Dok. BZ1 minflok il-kopja korretta[30]. Mill-banda l-ohra il-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti li

**…l-akkuzat ried ibellaghha li l-kitba kienet kopja tal-veru kuntratt b'tama li kollox jibqa ghaddej ghax iz-zmien kien qed jaghfas…[u] hekk jiffranka somma sewwa ta' flus ghad-dannu tal-kredituri…**[31]

<u>neccessarjament tippresupponi li l-appellant kien qed jittama jew jistenna li n-Nutar Spiteri ma jaghmilx ir-ricerki tieghu kif suppost li jaghmel</u>. Bhala avukat, l-appellant kien jaf ben tajjeb x'inhuma d-doveri tan-nutar f'dan ir-rigward; in-Nutar Spiteri qatt ma gie ezentat minn min qabbdu (Emanuel Muscat) milli jaghmel ir-ricerki; u, l-aktar haga importanti f'dan ir-rigward, <u>ma hemm xejn fil-provi li b'xi mod juru li lill-appellant xi hadd kien indikalu li kien hemm imqar il-possibilita` li dawn ir-ricerki ma jsirux</u>. Kemm George Muscat kif ukoll in-Nutar Spiteri jaghmluha cara li huma riedu kopja tal-kuntratt minghand l-appellant mhux ghall-finijiet tar-ricerki – dawn kienu diga' ghandhom – <u>izda biex jindividwaw il-bicca art in kwistjoni minn tlett bicciet li kienu nxtraw fil-5 ta' Mejju tas-sena 2000 mill-</u>

[29] ***Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I*** Giuffre` (Milano) 1986, p. 303.
[30] Ara l-osservazzjoni a propositu maghmula mill-ewwel qorti fis-sentenza taghha, paragrafu B 14.
[31] Pragrafu B 18 tas-sentenza appellata.

appellant. In fatti, meta l-appellant ghadda id-Dok BZ1 lil George Muscat huwa mmarka b' "X" dak il-paragrafu li kien jirreferi ghall-art li kien ser jitrasferixxi lil Emanuel Muscat. Il-fatt li fil-konvenju tat-28 ta' Gunju, 2002 l-art giet deskritta bhala li hija "libera u franka" u li wahda mill-kundzzjonijiet kienet li ser tinbiegh "bil-pussess vakanti, libera mill-gabillott u minghajr ebda drittijiet ta' terzi" ma jistax jintuza bhala argument li allura l-appellant ried jinganna – il-konvenju hu weghda ta' bejgh, u f'dan is-sens l-appellant kien qed iwieghed li jbiegh lil Emanuel Muscat l-art "libera u franka" u hielsa minn drittijiet ecc. kif inghad. Id-dicitura tal-konvenju, li kopja tieghu tinsab a fol. 95, hija, tista' tghid, wahda *standard*. Huwa proprju biex wiehed ikun jaf ezatt x'inhi l-posizzjoni dwar il-proprjeta` li tkun ser tigi trasferita li jsiru r-ricerki biex dak li jkun – u specjalment ix-xerrej li l-aktar li ghandu interess li jara li l-affarijiet isiru sew – jivverifika sew il-posizzjoni qabel ma effettivament isir il-bejgh. Huwa veru li din il-Qorti, bhala regola, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti – pero`, bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, jidher li din ma tatx il-piz dovut ghall-fatt li n-Nutar Spiteri mhux biss diga kellu r-ricerki li kienu juru li kien hemm drittijiet ta' terzi fuq l-art meta l-appellant ghaddielu d-Dokument BZ1, izda wkoll, kif diga nghad, li ma kien hemm ebda indikazzjoni li n-Nutar Spiteri ma kienx ser jaghmel ir-ricerki kif suppost u li l-appellant kellu xi indikazzjoni f'dan is-sens. Din il-Qorti sejra ghalhekk tillibera lill-appellant mill-akkuza ta' tentattiv ta' truffa.

Kwantu ghall-piena, in vista tal-fatt li l-appellant qed jigi liberat mill-akkuza ta' tentattiv ta' truffa, ser ikun hemm neccessarjament varjazzjoni fl-istess piena. Il-Qorti, pero`, trid taghmilha cara li r-reat ta' falsifikazzjoni ta' att awtentiku u pubbliku huwa reat serju hafna proprju ghax huwa reat kontra l-fiducja pubblika -- dik il-fuducja li suppost li jispiraw atti li jkunu jgibu l-firma ta' Nutar Pubbliku -- u jassumi gravita` partikolari meta tali reat jigi kommess minn avukat – persuna li n-nies hafna drabi jkunu disposti li jafdaw hwejjighom, jekk mhux addirittura l-istess hajjithom, f'idejha. Ghalhekk ma hemmx dubbju li f'dan il-kaz ghandu jkun hemm piena karcerarja. Mill-banda l-ohra, kif tajjeb gie osservat fir-rikors ta' appell, la

Emanuel Muscat u lanqas Carmel Muscat u hutu ma gew pregudikati – ghalkemm dan hu meritu mhux tant ta' l-appellant izda tal-fatt li n-Nutar Spiteri u l-iskrivan tieghu wettqu xoghlhom b'attenzjoni kbira. L-appellant, inoltre, diga ghamel mill-4 ta' Novembru, 2002 sal-11 ta' April, 2003 taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, u ghalhekk jidher fic-cirkostanzi opportun il-provvediment infraskritt, anke fid-dawl tal-fedina penali ta' l-appellant li tindika biss zewg kundanni (fi Frar ta' l-1991 u f'Marzu tas-sena 2000) in konnessjoni ma' sewqan ta' vetturi bil-mutur.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant instab hati skond it-tieni imputazzjoni kif ukoll f'dik il-parti fejn huwa gie lliberat minn htija taht l-Artikoli 309 u 184 tal-Kodici Kriminali, thassarha u tirrevokaha fil-bqija, u cioe` fejn huwa nstab hati ta' tentattiv ta' truffa u fejn gie kkundannat sentejn prigunerija, u minflok tikkundannah ghall-piena ta' hmistax-il xahar prigunerija b'dan li tordna, skond l-Artikolu 28A(1) tal-Kap. 9, li din is-sentenza m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' erba' snin mill-lum, l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti matul l-imsemmi periodu operattiv ta' erba' snin, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Tordna lir-registratur jaghmel l-annotazzjoni skond is-subartikolu (8) tal-imsemmi Artikolu 28A.

Fl-ahharnett tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata mir-registratur lis-Segretarju tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u lis-Segretarju tal-Kamra ta' l-Avukati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------